MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 36/2003

**Edward u Gerba Bijl u Robert Fenech.**

**vs.**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Albert Critien.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-Awtorita u l-Ippjanar datat 4 ta’ Novembru 2003 a fol. 2 tal-process fejn gie premess:-

1. Illi l-Kumissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp approvat *permess outline* favur Albert Critien fil-21 ta' Marzu 2001.

2. Illi Edward u Gerba Bijl u Robert Fenech appellaw minn din d-decizjoni quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar, liema Bord permezz ta' decizjoni moghtija fit-22 ta' Ottubru 2003 iddecieda:

*“Ghal dawn il-*motivi*, il-Bord jilqa l-appell tal-appellanti fis-sens illi jhassar kundizzjoni numru hamsa (5) filwaqt jikkonferma il-kundizzjonijiet l-ohra kollha tal-permess….”.*

*“Rigward l-ispejjez, il-Bord, wara li ra d-disposizzjoni tal-Artikolu 7 ta’ l-Avviz Legali 25 tal-2002, jordna illi d-dritt tal-appell tal-appellanti konjugi Bijl u tal-appellant il-Perit Robert Fenech jithallas bin-nofs bejn l-applikant u l-Awtorita’”.*

Illi l-esponenti thoss ruhha aggravata minn din d-decizjoni u ghaldaqstant qeghda tinterponi dan l-Appell quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-

1. Illi bir-rispett kollu, il-Bord ta' l-Appelli applika u interpreta hazin il-provvedimenti tal-**artikolu 7 ta' l-Avviz Legali 25 ta' l-2002.**

2. Illi l-artikolu 7 jaqra hekk:-

*"Meta terza persuna tkun ipprezentat appell quddiem il-Bord ta' l-Appell u l-Bord ta' l-Appell jaqta’ favur dik it-terza persuna interessata, id-dritt ta' l-appell li tkun thallas minn dik it-terza persuna interessata ghandu jigi rimborsat lill-imsemmija terza persuna fi proporzjonijiet indaqs mill-partijiet telliefa .... "*

3. Illi bir-rispett kollu l-Bord applika l-provvedimenti ta' dan l-artikolu b'mod zbaljat meta ordna li d-dritt ta' l-appell tat-terz ghandu jinqasam nofs bin-nofs bejn l-applikant u l-Awtorita` appellanta, *stante* li l-provvedimenti ta' l-**artikolu 7 ta' dan l-avviz legali** ma kienx applikabbli ghall-kaz odjern. U dan *stante* li l-Bord ta' l-Appelli ma qatax favur it-terza persuna li interponiet l-appell, izda varja biss kundizzjoni wahda tal-permess approvat.

4. Illi dan johrog izjed car meta wiehed iqis it-talba tal-appellanti quddiem il-Bord, u cioe: *"In view of the above, kindly reverse the DCC decision ".*

5. Illi jigi umilment sottomess illi l-Bord seta japplika l-provvedimenti ta' l-**artikolu 7** li kieku l-Bord effettivament qata' l-appell favur dik it-terza persuna, u mhux sempliciment varja kundizzjoni tal-permess.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-esponenti bir-rispett kollu titlob li din il-Onorabbli Qorti ghandha thassar u tirrevoka d-decizjonijiet moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru 2003, fl-ismijiet premessi, u konsegwentement tordna illi l-atti ta' l-istess proceduri jigu rinvijati quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar sabiex il-Bord ta' l-Appelli jirregola ruhu skond id- decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 14 tal-process;

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 18 ta' Dicembru 2003 a fol 15 tal-process fejn permezz taghha b'riferenza ghall-ingunzjoni esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"Edward u Gerba Bijl u Robert Fenech vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Albert Critien"** deciz mill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fit-22 ta' Ottubru 2003.

Rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta' Mejju 2004 (fol 19) fejn l-Appell gie differit ghall-finali trattazzjoni ghas-17 ta' Novembru 2004.

Rat il-verbali tas-seduti tas-17 ta' Novembru 2004 u tas-16 ta' Marzu 2005 fejn deher li l-intimat Edward Bijl ghadu mhux notifikat bl-avviz ta' l-appuntament ta' l-Appell u l-Appell gie differit ghal dan l-iskop u ghall-finali trattazzjoni ghat-18 ta' Mejju 2005.

Rat li l-intimati Edward u Gerba Bejl gew debitament notifikati fl-4 ta' April 2005 (tergo fol 22) u l-intimat Robert Fenech gie notifikat fil-5 ta' April 2005 (tergo fol 23).

Rat il-verbali tas-seduti tat-18 ta’ Mejju 2005 u dak tas-7 ta’ Dicembru 2005 fejn dehru biss Dr. Claire Stafrace Zammit ghall-Awtorita’ appellanti u Johan Buttigieg bhala rapprezentant ta’ l-istess. L-appellanti msejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Claire Stafrace Zammit esebiet bhala Dok ‘CSZ1’ *seduta stante* kopja tar-regolament li l-Awtorita’ appellanti ghamlet referenza ghalih fir-rikors ta’ l-appell msemmi u l-appell gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta’ Marzu 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan l-appell sar mill-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar peress li qed tallega li l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni msemmija **“Edward u Gerba Bijl u Robert Fenech vs Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Albert Critien”** deciz mill-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fit-22 ta’ f’Ottubru 2003 u dan peress li l-istess awtorita’ qed isostni li l-artikolu 7 tal-Avviz Legali 25 tal-2002 ma kienx japplika ghall-kaz in ezami ghaliex skond l-istess Awtorita’ dan japplika biss jekk ikun hemm decizjoni *inter alia* mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar favur terza persuna, izda f’dan il-kaz l-Awtorita’ appellata tissottometti li ma kienx hemm decizjoni ta’ l-istess Bord favur terza persuna, izda l-istess decizjoni bidlet biss xi kondizzjonijiet ta’ *l-out line permit* mertu tal-kaz odjern u allura l-istess artikolu ma kellux japplika ghall kaz in ezami.

Illi din il-Qorti rat l-atti kollha relattivi nkluzi l-*files* relattivi u l-argumenti kollha sottomessi quddiem l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, fejn in kwantu jirrigwarda dan l-appell jirrizulta li kien sar appell minn terzi persuni kontra l-hrug ta’ *out line development permit* u l-appell sar fuq diversi aggravji kif jinsab indikat f’pagna 3 sa 6 tad-decizjoni tal-Bord hawn appellata, u wara li Bord ta’ l-

Appell dwar l-Ippjanar iddecieda b'decizjoni preliminari li t-terzi persuni li ghamlu l-appell quddiem l-istess organu kellhom interess guridiku sufficjenti sabiex jaghmlu tali procedura u dan b'decizjoni datata 23 ta' Jannar 2002, l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tratta l-mertu u allura l-aggravji kollha mressqa mill-istess terzi persuni rispettivament u l-istess aggravji gew rigettati hlief ghal dik rigwardanti l-hames kondizzjoni ghat-tarag li jaghti ghall-bejt u d-distanza li kellu jigi rtirat il-gewwa mill-faccata (fol. 3 tad-decizjoni) u fil-fatt fid-decizjoni tieghu l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar biddel l-istess kondizzjoni li kienet taqra hekk:-

*"5. Stairwell at roof level should be receeded by 1.8m from the façade".*

Illi minflok l-istess kundizzjoni giet emendata mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u giet taqra hekk:-

*"5. Stairwells at roof level should be receded by not less than 4.25 metres from the façade and no extension to receded 2nd floor is to be allowed"*

Illi kien ghalhekk li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar sostna li *"ghal dawn il-motivi, il-Bord jilqa' l-appell tal-appellanti fis-sens li jhassar il-kondizzjoni numru hamsa (5) fil-waqt li kkonferma l-kondizzjonijiet l-ohra kollha tal-permess u jordna lis-Segretarja tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp sabiex tohrog permess gdid fi zmien tlettin jum mil-lum billi jigu riprodotti l-kondizzjonijiet kollha tal-permess hlief ghall-kondizzjoni numru hamsa (5) li ghandha tigi sostitwita bis-segwenti kondizzjoni:*

*"5. Stairwells at roof level should be receded by not less than 4.25 metres from the façade and no extension to receded 2nd floor is to be allowed"*

*"Rigward l-ispejjez, il-Bord, wara li ra d-disposizzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Avviz Legali 25 tal-2002, jordna illi d-dritt tal-appell tal-appellanti konjugi Bijl u tal-appellant il-Perit Robert Fenech jithallas bin-nofs bejn l-applikant u l-Awtorita'".*

Illi l-Awtorita’ appellanti qed issostni li l-applikazzjoni ta’ l-imsemmi **artikolu 7 ta’ l-Avviz Legali 25 tal-2002** *da parte* tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar hija zbaljata u dan peress li qed tghid li dan l-artikolu japplika biss fil-kaz li l-appell ta’ terz jigi milqugh, haga li ma garax f’dan il-kaz ghaliex il-permess ghall-*outline permit* xorta hareg ghalkemm almenu b’kondizzjoni wahda differenti.

Illi l-istess **artikolu 7 ta’ l-Avviz Legali 25 tal-2002** jghid li:-

*"Meta terza persuna tkun ipprezentat appell quddiem il-Bord ta' l-Appell u l-Bord ta' l-Appell jaqta’ favur dik it-terza persuna interessata, d-dritt ta' l-appell li tkun thallas minn dik it-terza persuna interessata ghandu jigi rimborsat lill-imsemmija terza persuna fi proporzjonijiet indaqs mill-partijiet telliefa .... "*

Illi din il-Qorti thoss li l-aggravju ta’ l-awtorita’ appellanti huwa infondat u bla bazi u dan peress li jidher li l-kondizzjonijiet ta’ l-*outline permit* gew mibdula mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar konsegwenza ta’ l-appell li sar mit-terzi persuni, u bi bdil ta’ l-istess kundizzjoni, almenu sa fejn sar tali tibdil mill-permess originali approvat, gie *in vigore* l-imsemmi **artikolu 7 ta’ l-Avviz Legali 25 tal-2002,** u dan ghaliex sa hemm certament li gie milqugh l-appell tat-terzi, l-unika appell li *in verita’* l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar kien qed jikkonsidra. Din il-Qorti ghalhekk tikkonferma li l-imsemi artikolu kien applikabbli ghall-kaz in ezami u dan ghaliex il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar sab favur it-terza persuna interessata zgur sal-punt fejn il-kondizzjonijiet ta’ l-istess permess gew varjati u ghalhekk ma hemm ebda interpretazzjoni hazina tal-ligi minkejja li din il-Qorti ezaminat il-kaz fil-limiti tal-gurisdizzjoni u kompetenza taghha ta’ l-**artikolu 15 (2) ta’ l-Att Numru 1 tal-1992** li jipprovdi:-

*“Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta’ l-Appell kostitwita skond l-artikolu 41 (6) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta’ ligi*

*decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista' jigi pprezentat biss flimkien ma' appell mid-decizjoni finali tal-Bord".*

Illi fil-fatt fl-istess decizjoni tal-Bord ta' l-Appell jinghad li gie milqugh l-appell tal-appellanti li kienu terzi persuni interessati u ghalhekk id-disposizzjoni ta' l-imsemmi **artikolu 7 ta' l-Avviz Legali 25 tal-2002** gew *in vigore* u allura gew sew applikati; d-distinzjoni li jidher li qed taghmel jew timplika l-Awtorita' appellata fil-paragrafi 3 sa 5 ta' l-istess ma ghandhom l-ebda bazi legali u certament ma' jaffetwawx l-applikazzjoni ta' l-imsemmi artikolu almenu fil-fattispecie tal-kaz odjern.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tichad l-appell interpost mill-Awtorita' appellanti fir-rikors taghha datat 4 ta' Novembru 2003** u kwindi tikkonferma d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Edward u Gerba Bijl u Robert Fenech vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Albert Critien"** deciz mill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fit-22 ta' f'Ottubru 2003

Illi l-ispejjez ta' din id-decizjoni jibqghu a karigu ta' l-Awtorita' appellanti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------